**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR.IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Jannar 2025**

**Att ta' Akkuża Nru. 27/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Jesmond (Jesmond Mary) Vella**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 27 tas-sena 2012 kontra Jesmond Mary Vella akkużat:

> **Fl-Ewwel u l-Uniku Kap** talli, fid-19 ta' Ġunju 2008 u matul il-jiem u gimgħat qabel din id-data, huwa kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; u billi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Jesmond Mary Vella" tal-11 ta' Novembru, 2003 l-akkużat Jesmond Mary Vella instab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużat bir-recidiva.

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-30 ta' Mejju 2024 li bis-saħħa tagħha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-ġurati tal-istess jum li bih b'sitt (6) voti favur u b'tlieta (3) kontra sabu lil Jesmond Mary Vella ħati tal-Ewwel u l-uniku Kap tal-Att tal-Akkuża, u wara li rat l-Artikoli 2 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a) (1B) (2)(a)(i), (3A) (a) (b) (c ) (d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23, 31, 49 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ddikjarat lill-akkuzat hati tal-uniku kap tal-akkuża u talli hu reċidiv u kkundannatu għall-piena ta' għaxar (10) snin priġunerija, w għall-multa komplessiva ta' għoxrin elf ewro (€20,000) li jekk ma titħallasx puntwalment tiħi konvertita f'terminu ulterjuri skond il-liġi. Kuundannatu wkoll għal ħlas ta'l-ispejjez tal-perizji konsistenzi fis-somma ta' €405.40 li ġiet imħallsa lill-espert Dr Martin Bajjada (Dok MB fol 58 Vol. I), s-somma ta' €167.43 mħallsa lil PS 186 (Dok CM fol 74 Vol I), s-somma ta' €132.79 mħallsa lil PS 1261 Charles Pace (Dok

CP fol 82 Vol I), s-somma ta' €582.70 mħallsa lil Dr Mario MIfsud (Dok MM fol 124 Vol I), s-somma ta' €129.28 mħallsa lil PC 1525 Patrick Farrugia (Dok PF fol 187 Vol II), s-somma ta' €402.51 mħallsa lil Joseph Mallia (Dok JM fol 214 Vol II), b'kollox għandu jħallas lil Gvern ta' Malta is-somma ta' elf, tmien mija u għoxrin euro u ħdax-il ċenteżmu (€1,820.11). Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati. Ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji fl-ammont ta' €1,820.11 ma jitħallsux jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum - li d-droga eżebita hija meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha eżebita w l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-ispiżjar Godwin Sammut u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandha tagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w iġġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita, li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**3.** Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mill-akkużat fil-21 ta' Ġunju 2024 li bih u għar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti (a) tħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija u tordna li jiġu reġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni a favur tiegħu jew (b) b'mod sussidjarju tħassar s-sentenza mogħtija fil-kawża u tagħti dik is-sentenza l-oħra ġustifikata bil-liġi mill-verdett (li ma tkunx sentenza aktar gravi) minflok l-oħra kif jidhrilha li missha ngħatat.

**4.** Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Generali fl-24 ta' Settembru 2024 fejn issottometta li din il-Qorti għandha tiċħad l-aggravji kif miġjuba quddiemha mill-appellant Jesmond Mary Vella u għalhekk tgħaddi biex tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Kriminali fir-rigward.

**5**. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**6**. Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**7.** Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant iqanqal sensiela tal-aggravji diretti mhux biss lejn difetti proċedurali li huwa jallega li seħħew matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, inkluż allura dak li jidhirlu li kienu influwenzi avversi fuq il-ġurati mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, iżda ukoll żbalji fl-indirizz tal-Imħallef li ppresjediet il-ġuri u wkoll aggravji marbuta mal-mertu u mal-piena erogata mill-Qorti Kriminali fil-konfront tiegħu.

A. **Użurpazzjoni tal-funzjoni tal-ġurija u l-addebitu tar-reċidiva**

**8.** Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jikkontendi illi matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u wara li nqara il-verdett kien hemm użurpazzjoni tal-funżjoni tal-ġurija mill-Imħallef li għaddiet biex tiddeċiedi l-addebitu tar-reċidiva, meta din il-manzjoni hija bil-Liġi riposta f'idejn il-ġurija popolari. Jisħaq illi għalkemm huwa palesi illi l-addebitu tar-reċidiva ma huwiex reat fih innifsu, u minn natura tiegħu huwa konsegwenzjali għal sejbien ta' ħtija fil-persuna akkużata, madanakollu huma l-imħallfin tal-fatt li għandhom jagħrblu dan l-addebitu bħal kull akkuża oħra u dan meta l-istess irid ikun ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Inoltre, jisħaq illi, għalkemm huwa ma ikkontestax l-identita' tiegħu fis-sentenza li a bażi tagħha kienet imsejsa il-prova dwar dan l-addebitu, madanakollu fl-ebda mument ma kien indikat lill-Qorti Kriminali illi dan l-addebitu ma kienx qed jiġi kkontestat, kif hemm indikat fis-sentenza appellata.

**9**. Illi l-Qorti Kriminali qalet hekk fis-sentenza appellata:

> **"Rat ukoll li d-difiza ma kienitx qed tikkontesta li l-akkuzat huwa recidiv fit-termini tal-ligi tant li fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2023 ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhud tal-identita dwar is-sentenza esebita f'dawn l-atti. In vista ta' din id-dikjarazzjoni din il-Qorti qeda issib lill-akkuzat hati talli hu recidiv u ghalhekk sejra ukoll tapplika zieda ta' grad meta tigi biex teroga il-piena."**

**10**. Illi l-Avukat Ġenerali tilqa' għal dan l-aggravju meta tikkontendi illi fl-ewwel lok ma kienx hemm il-ħtieġa li l-appellant jeżenta lill-Prosekuzzjoni mill-prova dwar l-identita' tas-sentenza stante illi s-sentenza mmarkata bħala Dokument JMV a fol.108 tal-atti kumpilatorji fiha d-dettalji kollha tal-appellant li jikkorrispondu ma' dawk id-

dettalji li jidhru fl-atti odjerni. Illi tikkritika lid-Difiża għal fatt illi fl-ebda mument waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali ma ġibdet l-attenzjoni għal dan in-nuqqas minn dik il-Qorti, ħalliet kollox għaddej biex imbagħad issollevat dan in-nuqqas proċedurali issa fi stadju ta' reviżjoni, b'talba biex il-ġuri jiġi dikjarat null. Illi l-Avukat Ġenerali hija tal-fehma illi kemm il-darba din il-Qorti tilqa' t-talba tad-Difiża, dan il-fatt xortawaħda ma jwassalx sabiex il-verdett ta' ħtija jiġi annullat billi l-addebbitu tar-reċidiva ma huwiex reat fih innifsu iżda huwa biss konsegwenzjali għal sejbien ta' ħtija.

**Ikkunsidrat:**

**11.** Illi huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant illi d-deċiżjoni dwar l-addebitu tar-reċidiva tispetta lill-ġurija wara li jkun inqara il-verdett ta' ħtija meta, wara li jinstemgħu l-provi fir-rigward, jingħata verdett ulterjuri li jikkonċerna dan l-addebitu u dan f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm kontestazzjoni mid-Difiża fir-rigward. Dan huwa mifhum minn qari ta'l-artiklu 489 tal-Kodiċi Kriminali[1].

**12.** Fuq dan il-punt ta' dritt proċedurali spiss jiġi ċċitat id-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fil-kawza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Gamil Abu Bakr*** mogħti fis-27 ta' April 2009 kien hekk deċiż:

> "Id-decizjoni jekk l-akkuzat - una volta misjub hati - hux recidiv jew le ghall-fini tal-artikolu 49 u 50 jew xi wiehed biss minn dawn l-artikoli, hija **<u>decizjoni ta' fatt li tispetta biss lill-gurija w dana wara li jkunu taw verdett ta' htija kontra l-akkuzat u b' verdett separat,</u>** stante li kif jiddisponi l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali, meta l-ligi, minnhabba r-recidiva, tkabbar il-piena ghar-reat li jsir wara, l-kawza ghandha titmexxa bhallikieku fl-att ta' l-akkuza ma kienx hemm migjub li, qabel, l-akkuzat kien gie misjub hati w ikkundannat u m'ghandux jinghid lill-guri li l-akkuzat kien gie qabel misjub hati w ikkundannat, hlief wara u jekk il-guri ikun iddikjara l-akkuzat hati tal-ahhar reat. In osservanza ta' din id-dispozizzjoni l-prassi minn dejjem kienet li **<u>l-Imhallef li jippresjedi l-guri, wara verdett ta' htija w wara li jinqara lill-gurati l-addebitu tar-recidiva ghall-ewwel darba w jingiebu l-provi dwar ir-recidiva - fejn dan l-addebitu ikun kontestat mill-akkuzat - u wara</u>**

[1] Meta l-liġi, minħabba r-reċidiva, tkabbar il-piena għar-reat li jsir wara, il-kawża għandha titmexxa bħallikieku fl-att tal-akkuża ma kienx hemm miġjub li, qabel, l-akkużat kien ġie misjub ħati u ikkundannat; u m'għandux jingħad lill-ġuri li l-akkużat kien ġie qabel misjub ħati u ikkundannat, **<u>ħlief wara u jekk il-ġuri jkun iddikjara l-akkużat ħati ta' dan l-aħħar reat</u>**.

**sottomissjonijiet mill-avukati, jindirizza mill-gdid lill-gurati w "inter alia" jispjegalhom il-punti ta' dritt li jkunu jirregolaw l-applikazzjoni tar-recidiva, mbaghad jitlobhom jirtiraw mill-gdid biex jaghtu verdett ulterjuri dwar l-addebitu tar-recidiva kontenut fl-Att ta' l-Akkuza.**

Ghalhekk jekk il-Qorti, kif issa komposta, b' Imhallef togat biss, tiddeciedi hi jekk l-addebitu tar-recidiva jirrizultax f' dan il-kaz, tkun qed tuzurpa l-funzjoni tal-gurija li hi biss kompetenti li tiddeciedi dan wara li tigi "properly addressed" mill-Imhallef togat fl-istadju oportun, u cioe' wara li u jekk ikun hemm verdett ta' htija kontra l-akkuzat."

Ingħad ukoll fis-sentenza *Ir-Repubblika ta' Malta vs David Zerafa* deċiża minn din il-Qorti kif diversament komposta[2]:

**8. Bħalma korrettement jgħid l-appellant, fejn l-akkużat hu addebitat bir-reċidiva, dan m'għandux jiġi mgħarraf lill-ġurati ħlief wara li jkunu iddikjaraw lill-akkużat ħati tar-reat/i miġjub/a kontra tiegħu. F'dak l-istadju, il-ġurati jintalbu jagħtu verdett fuq jekk l-akkużat għandux jiġi dikjarat ħati wkoll ta' l-imsemmi addebitu. Dan isir bis-saħħa ta' l-artikolu 478 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi: "Kull mistoqsija oħra illi l-qorti jidhrilha meħtieġ li tagħmel lill-ġuri wara l-ewwel verdett, għandha tiġi magħmula u t-tweġiba tagħha għandha tittieħed bil-mod li jingħad fl-artikolu 474."**

**13.** Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet li jispjegaw proċeduralment kif il-Qorti għandha timxi meta, flimkien mal-Kapi tal-akkuża, l-akkużat jkun addebitat bir-reċidiva, l-Qorti eżaminat l-*iter* li segwa dan il-każ wara li nqara il-verdett tal-ġurija fejn l-appellant kien misjub ħati b'sitt voti kontra tlieta tal-uniku Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża. Illi mill-verbal tas-seduta tal-14 ta' Diċembru 2024 hemm hekk ivverbaliżżat:

**<u>VERDETT</u>**

**Il-ġurati b'sitt voti favur u tlett voti kontra qed isibu lill-akkuzat Jesmond Mary Vella hati skond l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**Il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li l-verdett hu registrabbli.**

**Il-Qorti irringrazzajt lill-ġurati u ezentathom ghal zmien ta' sentejn.**

**Dr. Azzopardi ghad-difiza qed jitlob li tingieb ix-xhieda ta' Dr. Neal Harrison fil-proceduri tar-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Gambin et decizi mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-15 ta' Jannar 2020.**

**Il-Qorti tordna illi ghas-seduta li jmiss jingieb il-process tal-proceduri tar-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Gambin et. Hawn fuq imsemmija.**

---

[2] Deċiża 15 ta' Settembru 2016

**Id-difiza qed tezenta lil prosekuzzjoni mill-htiega illi tippreżenta xhud tal-identita' dwar is-sentenza esebita f'dawn l-atti.**

**Il-Qorti tordna illi tingieb mill-prosekuzzjoni kopja tal-fedina penali aggornata tal-akkuzat ..."**

**14**. Illi mir-reġistrazzjoni ta' dak li seħħ kemm waqt is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2024, kif ukoll tat-18 ta' Diċembru 2024 jemerġu is-segwenti fatti probatorji.

1. Illi hekk kif inqara il-verdett mill-prim'ġurat, l-Qorti indirizżat lill-bank tad-Difiża u lill-Prosekuzzjoni biex jaraw jekk l-istess kienx wieħed reġistrabbli. Il-partijiet jiddikjaraw li dan il-verdett huwa wieħed reġistrabbli.
2. Wara dan l-Qorti irringrazzjat lill-ġurati talli qdew l-inkarigu lilhom mogħti u għarrfithom li kienu qed jiġu eżentati milli servu bħala ġurati għal perijodu ta' sentejn, u wara dan stiednet lill-ġurija biex toħroġ mill-awla.
3. Il-ġurati joħorġu mill-awla u titkompla is-seduta.
4. Il-Qorti f'dan il-punt tistieden lill-partijiet jitrattaw dwar il-piena, iżda id-Difiża titlob biex tressaq il-provi

Illi allura huwa evidenti illi l-Qorti fl-ebda mument qabel ma kkonġedat lill-ġurati u talbithom joħorġu mill-awla ma indirizżat il-kwistjoni dwar l-addebitu tar-reċidiva.

**15.** Illi wara li l-ġurija tiġi meħlusa mid-doveri tagħha, id-difensur tal-appellant igħid lill-Imħallef li kienet qed tippresjedi l-ġuri, illi dwar l-addebitu tar-reċidiva hemm qbil li prova dwar dan l-addebitu hija s-sentenza li tinsab eżebita fl-atti kumpilatorji bħala dokument JMV u għalkemm iddikjara illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-prova dwar l-identita' ta'l-istess sentenza, iżda igħid lill-Qorti li ma hemmx qbil ma'l-Avukat Ġenerali jekk għandux isib applikazzjoni l-artikolu 49 jew 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**16.** Illi dan kellu jfisser allura illi l-appellant **<u>ma kienx qed jikkontesta l-fatt</u>** illi għandu jitqies bħala reċediv fit-termini ta'l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali[3]. Dak li

[3] Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor

kien qed jikkontesta kien jekk kellux ikun hemm żieda fil-piena fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali[4] li jipprovdi:

> **"Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt."**

**17.** Illi din il-Qorti kif diversament komposta kompliet tgħid is-segwenti fis-sentenza su-iċċitata fejn l-addebitu tar-reċidiva kien ammess mill-akkużat:

> **9. L-artikolu 478 appena ċitat jgħid li ssir lill-ġuri kull mistoqsija li l-Qorti jidhrilha meħtieġ. Huwa minnu illi meta tiġi reġistrata ammissjoni ta' l-Att ta' Akkuża, il-ġuri jkun għadu ma ġiex maħtur; iżda proprju minħabba tali ammissjoni, m'hemmx il-ħtieġa li jiġi maħtur (sakemm ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 453(2)). Fejn, wara verdett ta' ħtija, il-ħati jammetti l-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tirreferi jew le l-kwistjoni lill-ġuri. Dan hu evidenti mid-diċitura ta' l-imsemmi artikolu 478. F'dan il-każ, lill-ewwel Qorti ma kienx "jidhrilha meħtieġ" li tirreferi l-mistoqsija jekk il-ħati kienx reċidiv jew le għax din il-mistoqsija kienet ġiet imwieġba bl-ammissjoni tiegħu kif ingħad. Evidentement ukoll l-ewwel Qorti ma kellhiex raġuni tiddubita jekk l-appellant (f'dak l-istadju l-ħati) kienx reċidiv**

**18.** U allura għalkemm seħħet irregolarita' fil-proċeduri meta l-Qorti xoljiet il-ġurija mid-doveri tagħha qabel ma għaddiet biex tistaqsi lill-partijiet jekk kienx hemm kontestazzjoni dwar dan l-addebitu, madanakollu ma jistax jingħad illi din l-irregolarita' waslet sabiex seħħet xi amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja, u dan meta jidher illi effettivament l-appellant ma kienx qed jikkontesta dan l-addebitu, iżda unikament il-fatt jekk kienx hemm l-applikazzjoni ukoll ta'l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, hawn fuq iċċitat, u allura jekk il-piena konsegwenzjali għas-sejbien ta' ħtija kellhiex tiżdied bi grad, fatt finalment li jitħalla fid-diskrezzjoni tal-awtorita' ġudikanti. Illi imbagħad fuq kollox dak li għandha tara din il-Qorti bis-setgħat lilha

[4] Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħorfi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha,tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

mogħtija huwa jekk b'dik l-irregolarita' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'xi mod ġietx skossa.

**19**. Illi l-proviso ghall-artikolu 501(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali li fih hemm imfassla is-setgħat ta' din il-Qorti meta tiġi biex tqies appell minn dikjarazzjoni ta' ħtija jipprovdi illi:

> **(1) Fuq kull appell kontra dikjarazzjoni ta' ħtija mill-persuna misjuba ħatja l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell –**
> **(a) jekk jidhrilha li l-appellant kien ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża; jew**
> **(b) jekk jidhrilha li kien hemm irregolarità matul il-kawża, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett:**
> **Iżda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punti mqajjem fl-appell skont il-paragrafu (b) jista' jkun deċiż favur l-appellant, tiċħad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.**

**20.** Jingħad biss illi, kif tajjeb tistqarr l-Avukat Ġenerali, mhuwiex konduċenti għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja illi d-Difiża, li kienet konsapevoli ta' din l-irregolarita' li kienet qed isseħħ waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, ma ġibditx l-attenzjoni tal-Qorti tempestivament, iżda ħalliet kollox għaddej sabiex issa fi stadju ta' reviżjoni, qanqlet il-preġudizzjali tan-nullita' tal-proċeduri.

**21**. Illi, kif ingħad, huwa evidenti illi l-appellant ma kienx qed jikkontesta l-fatt illi huwa reċediv, u lanqas kien qed jissenjala xi kontestazzjoni dwar il-provi in konnessjoni ma' dan l-addebitu. Igħid hekk l-avukat difensur: "*Naturalment mhux qed naqbel mal-Avukat Ġenerali jekk għandux japplika l-artiklu 49 jew 50 tal-Kodiċi Kriminali minħabba s-sentenza kif inhi*", u allura kien hemm ammissjoni mill-appellant illi huwa reċidiv biss skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, iżda mhux ukoll skond l-artikolu 50. Madanakollu x'kienet din il-kontestazzjoni huwa ma jamplifikax, kif lanqas jamplifika fuq dan il-fatt fl-aggravju enumerat C.2 fir-rikors ta'l-appell.

**22**. Issa mis-sentenza eżebita bħala Dokument JMV fl-atti kumpilatorji, jirriżulta illi l-appellant lura fil-11 ta' Novembru 2003 kien ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati u kkundannat għal perijodu ta' sitt xhur priġunerija li, b'applikazzjoni ta'l-

artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, dan il-perijodu ta' priġunerija kien sospiż għal żmien erba' snin. Illi allura l-perijodu operattiv tas-sentenza skada fil-11 ta' Novembru 2007, bl-appellant jikkommetti r-reat li dwaru instab ħati f'din l-istanza fid-19 ta' Ġunju 2008, u allura l-perijodu ta' ħames snin, minn meta s-sentenza ġiet skontata, ma laħaqx iddekorra sabiex b'hekk huwa indubitat illi l-appellant għandu jitqies illi huwa reċidiv kemm fit-termini ta'l-artikolu 49, kif ukoll 50 tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-aggravji immarkati bħala A.1 u C.2. qed ikunu miċħuda.

**B. Żbalji legali fl-Indirizz tal-Imħallef lill-ġurati.**

**23.** Illi fl-aggravju li jmiss immarkat bħala A.2, l-appellant jilmenta illi l-indirizz finali tal-Imħallef lill-ġurija kien ibbażat fuq konsiderazzjonijiet legali żbaljati. Dan, fil-fehma tiegħu, seħħ meta l-Imħallef spjegat lill-ġurija, erronjament, illi wieħed mill-elementi meħtieġ sabiex jissussisti r-reat tal-pussess aggravat ta' droga, jew inkella tal-pussess ta' droga f'ċirkostanzi li juru li dan ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, huwa dak tal-intenzjoni ta'l-ispaċċ. L-appellant iqis illi dan in-nuqqas żgur li kellu effett mhux żgħir fuq il-verdett finali u dan għaliex il-fatt waħdu li l-ġurija straħet fid-deliberazzjonijiet tagħha u l-għarbiel tal-provi fuq dawn il-premessi legali erronji, kif diretti jagħmlu mill-Imħallef fl-indirizz tagħha, wassal sabiex il-ġudizzju finali ma sarx skond il-liġi u allura għandu, fil-fehma tiegħu, jiġi dikjarat null.

**24**. Illi l-Avukat Ġenerali tirribatti għal dan l-aggravju billi tisħaq illi, anke jekk l-appellant għandu raġun f'dan l-ilment tiegħu, u għalkemm huwa minnu li mhux meħtieġ li jkun ippruvat l-intenzjoni ta'l-ispaċċ fil-ġudikabbli, kif erronjament indikat l-Imħallef waqt l-indirizz tagħha, madanakollu dan il-fatt seta' jwassal unikament sabiex jirrendi il-ħajja tal-Prosekuzzjoni aktar diffiċli, li allura kellha tipprova dan il-fatt intenzjonali ulterjuri, u ma kien ser ibati ebda preġudizzju l-appellant.

**25**. Illi l-Qorti eżaminat l-indirizz mogħti mill-Imħallef togat waqt il-ġuri fejn spjegat l-elementi tar-reat lill-ġurati b'dan il-mod:

> **"Il-liġi Maltija f'dak li għandu x'jaqsam mal-pussess aggravat hija mudellata fuq il-liġi ingliża u għalhekk tirrikjedi bilfors *the intent to supply* illi fil-kamp penali l-iskop tal-leġislatur il-liġi Maltija hija mmudellata fuq dik**

**Ingliża kien għalhekk li jolqot l-aġir ta' persuna li għandha sustanza illeċita u ffurmat l-intenzjoni jew li tista' tifforma l-intenzjoni illi tispaċċa l-istess droga**

**Fir-Renju Unit fil-fatt il-kliem użat huwa *possession with intent to supply.* Għaldaqstant il-provi u ċirkostanzi materjali huma rilevanti inkwantu jindikaw l-intenzjoni ta' spaċċ u f'dan il-kuntest allura il-Qorti sabiex issib ħtija għandha tkun konvinta *beyond a reasonable doubt* illi tali persuna mhux biss kellha l-pussess ta' droga, iżda wkoll l-intenzjoni illi tispaċċa jew b'xi mod ieħor tikkonsenja l-istess droga.**

**...**

**Il-kelma pussess għandha tinftiehem għalhekk bħala illi is-sustanza x'ħin tkun għand persuna irid ikollha l-intenzjoni u tqis l-istess droga bħala propjetà tagħha filwaqt illi pussess aggravat jissussisti meta sussegwentement tiġi iffurmata l-intenzjoni illi dik is-sustanza li l-persuna tkun qed tqis bħala tagħha tiġi mgħoddija lil terza persuna.**

**F'din l-akkuza il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat kien fil-pussess ta' din d-droga u wara tipprova li c-cirkostanzi kienu tali illi d-droga ma kenitx destinata ghalih. Il-Prosekuzzjoni għalhekk trid tipprova li hemm indikazzjoni inekwivoka tal-intenzjoni ta'l-ispacc. Sabiex ma jinħolqux inġustizzji l-intenzjoni tal-ispaċċ għandha tirriżulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux frott ta' kongetturi u supposizzjonijiet."**

**26**. Illi mill-fattispeċje ta' dan il-każ, li l-Qorti ser tidħol biex telenka iktar fid-dettall iktar 'il quddiem meta ser tkun qed tikkonsidra l-aggravju fil-mertu, jemerġi xenarju fejn id-droga konsistenti f'4827.3 gramma ta' raża tal-cannabis b'purita' ta' 8.2%, kienet allegatament fil-pussess kostruttiv tal-appellant, u dan meta instab barmil, ossija tank tal-mettall, li fih kien hemm għoxrin blokka tar-raża, liema barmil kien qiegħed fil-kaxxa ta' trukk li allegatament kien juża l-appellant. Illi, allura, sabiex tirriżulta kundanna għar-reat tal-pussess kostruttiv ta' droga, il-Prosekuzzjoni trid neċessarjament tipprova, u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, żewġ fatturi:

i. Illi l-persuna akkużata kellha x-xjenza dwar l-eżistenza tad-droga.
ii. Illi l-persuna akkużata setgħet teżerċita l-kontroll fuq dik id-droga.

**27**. Illi ukoll meta jkun hemm persuna jew persuni oħra li jkunu fil-viċinanzi ta' dik id-droga, allura l-Prosekuzzjoni trid tressaq provi li jindikaw illi kien l-akkużat biss li seta` jiddisponi minn dik id-droga u jeżerċita kontroll fuqha. Fuq kollox irid jiġi

ippruvat miċ-ċirkostanzi tal-każ illi d-droga ma kenitx fil-pussess tal-ġudikabbli għall-użu personali tiegħu. Provi iktar minn hekk ma humiex meħtieġa. Kif ingħad fis-sentenza Il-Pulizija vs Lawrence Fabri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fis-27 ta' April 2017:

**"Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta'l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:**

**"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."**

**Illi maghmula din id-distinzjoni xortawahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.**

**"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:**

- **Possession of a quantity inconsistent with personal use.**

**• Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.**

**• Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.**

**• Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.**

**• Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).**

**• Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.**

**• Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.**

**• Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69. 18**

**• Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."**

**Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:**

**"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article may be inferred from objective factual circumstances."**

**Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont , kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita."**

**28.** Jikkonsegwi għalhekk minn dan l-insenjament ġudizzjarju illi huwa minnu li l-Imħallef fl-indirizz finali idderiġiet lill-ġurati biex jagħrblu l-provi b'mod mhux għal kollox in linja mal-Liġi, u dan għaliex ma kienx hemm il-ħtieġa illi jkun ippruvat fl-appellant l-intenzjoni li huwa ried jittraffikka dik id-droga. Dak li kellu jkun ippruvat biss kien illi l-akkużat kien qiegħed fil-pussess kostruttiv ta' droga b'mod xjenti, liema droga kienet taħt il-kontroll tiegħu u ta' ħadd iktar u li huwa ma kienx jagħmel użu minn dik il-kwantita' ta' droga *sic et simpliciter*. Illi allura l-Imħallef indikat lill-ġurati li huma kellhom imorru pass *oltre* minn hekk, u jaraw jekk mill-provi jemerġiex fl-appellant l-intenzjoni li jittraffika dik id-droga, meta din il-prova, fid-dawl tal-ġurisprudenza u d-dritt in materja, ma kenitx meħtieġa.

**29.** Dan magħdud, madanakollu, kif tajjeb tikkontendi l-Avukat Ġenerali, din l-irregolarita' fl-indirizz setgħet isservi ta' ħsara biss għal Prosekuzzjoni u mhux għad-Difiża, u dan għaliex l-apprezzament tal-ġurati spiċċa wieħed li jmur lil hinn minn dak essenzjalment meħtieġ sabiex setgħu jsibu l-ħtija, billi wara li huma jistabbilixxu, kif iddiriġiethom l-Imħallef, illi id-droga kienet fil-pussess xjenti tal-appellant, liema pussess kien wieħed kostruttiv u mhux materjali, u wara li jistabbilixxu jekk l-appellant kienx jagħmel użu minn dik il-kwantita' ta' droga personalment, huma waslu għal konkluzjoni li din id-droga kienet intenzjonata mill-appellant li tkun ittraffikata lil terzi, prova li *del resto* ma kenitx meħtieġa ukoll sabiex jistabbilixxu l-ħtija.

**30.** Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, għalkemm huwa minnu li kien hemm interpretazzjoni mhux għal kollox korretta tal-liġi mill-Imħallef togat, madanakollu din l-interpretazzjoni ma setgħet isservi ta' ebda ħsara għall-appellant. Anzi, l-Qorti tażżarda tgħid li din setgħet taħdem favur tiegħu billi, kif ingħad, it-triq kienet iktar iebsa ghal ġurija biex tasal għal ħtija. Jikkonsegwi għalhekk illi f'dan il-każ għalkemm kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi, madanakollu jekk dan setax kellu xi influwenza fuq il-verdett ta' ħtija, jista' jkun determinat biss mill-Qorti wara li jsir minnha konsiderazzjoni tal-fatti u dan meta tiġi biex tiddetermina l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi, meta finalment

dak li għandu jggwida lill-Qorti huwa biss jekk b'din l-interpretazzjoni erronja tal-liġi seħħitx amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.

C. **Apprezzament tal-provi.**

**31.** Illi l-appellant jaqsam dan l-aggravju f'żewġ lmenti meta fl-ewwel lok jikkontendi illi seħħet kontaminazzjoni tal-proċess minħabba f'influwenza avversi li saret fuq il-ġurati mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni meta dawn għamlu referenza għal "*non-verbal declarations*" li huwa seta għamel, u li kienu dikjarati inammissibbli bħala prova. Imbagħad jilmenta ukoll illi mill-provi prodotti ma inħoloqx ness bejn l-appellant u id-droga misjuba sabiex b'hekk l-element tal-pussess kostruttiv huwa nieqes.

**32.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Issa il-manzjoni riposta f'idejn din il-Qorti meta tiġi biex tagħmel dan l-eżerċizzju huwa li tara jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha. In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, l-Qorti eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda u tat-trattazzjonijiet, ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjediet il-ġuri, id-dokumenti eżebiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni.

**33.** Illi fl-ewwel ilment imqanqal mill-appellant huwa jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fuq l-eċċezzjonijiet preliminari mill-Qorti Kriminali nhar it-28 ta' Marzu 2023, kif ikkonfermata minn din il-Qorti, fejn kienu dikjarati inammissibbli mhux biss l-istqarrija rilaxxata minnu mal-arrest tiegħu, iżda ukoll kwalunkwe dikjarazzjoni skritta u/jew verbali li huwa seta' għamel fi stadju investigattiv. L-appellant jikkontendi illi din l-Ordni mogħtija mill-Qorti ma ġietx osservata waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan meta, fil-fehma tiegħu, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni xortawaħda għamlu referenza indiretta għalihom. Illi din iċ-ċirkostanza avverat ruħha meta l-Prosekutur, fil-mistoqsijiet magħmula minnu, jindika lix-xhieda li hemm xi prova li ma jistax jagħmel referenza għaliha, u dan meta ħadu il-pedana tax-xhieda

diversi uffiċjali tal-pulizija li nhar id-19 ta' Ġunju 2008 kienu nvoluti fl-istħarriġ, għamlu it-tfittxijiet kemm fuq il-persuna tal-appellant, kif ukoll fil-garaxx u f'vetturi li kien juża, fosthom trukk tal-għamla *Bedford,* li finalment fih instabet id-droga. Jilmenta illi dawn ix-xhieda, fid-deposizzjoni tagħhom, taw deskrizzjoni tal-mod kif huwa aġixxa tul it-tfittxijiet li saru, u ċioe' il-ġesti u r-reazzjonijiet li għamel u l-komportament tiegħu, li hu jiddeskrivihom bħala *non-verbal declarations,* u anke iddikjaraw li hemm affarijiet oħra li jafu bihom, iżda li ma jistgħux isemmu. Fil-fehma tal-appellant din kienet strataġemma tal-Prosekuzzjoni li ma setatx ħlief tinfluwixxi avversament fuq moħħ il-ġurati, tant illi l-Imħallef stess waqt il-ġuri wissiet lill-Prosekuzzjoni dwar din il-linja ta' mistqosijiet. Jagħmel referenza b'mod partikolari għax-xiehda ta' PC1183 Oliver Borg, PS1086 Johann Micallef, PS1220 Chris Baldacchino u is-Supretendent Johann Fenech. Dan ifisser, għall-appellant illi l-verdett seta' ġie ikkontaminat bi provi inamissibbli u allura għandu jiġi dikjarat null.

**34.** L-Avukat Ġenerali tilqa' għal dan l-aggravju meta tikkontendi illi d-deskrizzjoni tal-movimenti tal-appellant ma kenux iddikjarati inammissibbli billi s-sentenza kienet titkellem biss fuq dikjarazzjonijiet skritti u/jew verbali u jekk din l-Ordni kellha tkun interpretata fis-sens illi x-xhieda ma setgħux igħidu dak li kienu qed josservaw allura kien ifisser illi il-figura tal-appellant kienet tisparixxi minn din l-investigazzjoni. Issostni illi xenarju fejn dawn ix-xhieda huma miżmuma milli jirrakkontaw dak kollu li seħħ poġġiehom f'sitwazzjoni skomda ferm b'riskju qawwi li jekk ix-xhud ma jkunx kawt fit-tweġibiet tiegħu il-ġuri jkollu jiġi xjolt. Mhux biss, iżda l-Imħallef fl-indirizz finali tagħha spjegatilhom lill-ġurati x'kien il-mottiv 'il għala ix-xhieda irrifjutaw li jwieġbu għal ċertu mistoqsijiet sabiex b'hekk ma kien hemm xejn li kien mistur minnhom.

**35.** Illi jibda biex jingħad illi l-verdett tal-ġurija ikun karenti mill-motivazzjonijiet li jkunu wasslu għal sejbien ta' ħtija, iżda f'dan il-każ huwa indubitat illi l-ġurija kienet ben gwidata mill-Imħallef li ippresjediet il-ġuri fir-rigward ta' dawn l-inferenzi li l-appellant isejjħilhom avversi u li l-ġurati setgħu għamlu waqt id-deliberazzjoni. Dan għaliex fl-indirizz finali kien spjegat lilhom bl-iktar mod ċar il-mottiv wara ir-retiċenza mix-xhieda li jixhdu fuq dak kollu li seħħ minħabba direzzjoni mill-Qorti.

Dan sar ukoll wara li d-Difensur tal-appellant staqsa lill-Qorti jekk kenitx ser tiġbed l-attenzjoni tal-ġurati għal fatt illi ċertu xhieda stqarrew li ma setgħux jiddeponu fuq aspetti mill-investigazzjoni tagħhom u l-Qorti assikuratu li kienet ser tispjegalhom dan il-fatt, kif effettivament għamlet. Qaltilhom hekk l-Imħallef fl-indirizz tagħha:

> **"… meta kien hemm xi xhieda hawnhekk li xhedu jew il-prosekuzzjoni qalet meta kienet qiegħda tindirizzakom li kien hemm ċertu xhieda li ma setgħux jgħidu xi kliem, dik kienet tiffser illi dak kollu li qal jew lis etgħa qal l-akkużat ma jistax jiġi ripetut f'din l-awla. U għaliex? Dan proprju minħabba li huwa jgawdi mid-dritt tas-silenzju. Igifieri dan hwua dritt, m'aħna naħbu xejn minnkom, li dan huwa dritt li joħroġ kemm mill-kostituzzjoni, kemm mill-kodiċi, kemm ukoll mill-konvenzjoni erwopeja."**

**36.** Mhux biss, iżda meta ix-xhud PC1183 Oliver Borg għal mistoqsija x'għamel l-akkużat hekk kif instabet id-droga, wieġeb li ma kienx ser iwieġeb għal mistoqsija skont id-direzzjoni tal-Qorti, l-Imħallef tgħid lill-ġurija:

> **Qorti : Din ftakarha għaliex l-akkużat għandu d-dritt tas-silenzju, mhux għax tajt xi direzzjoni partikolari.**

U imbagħad meta wieħed mill-membri tal-ġurija xtaq ikun jaf x'diskors qal l-appellant hekk kif instabet id-droga, l-Imħallef infurmatu is-segwenti:

> **Ġurat : Bħala s-sinjur kien il-watch dog tas-Sinjur Jesmond. X'ħin PC 10 tela' fit-trakk biex jiċċekkja x'hemm u m'hemmx. Is-Sur Vella kien viċin it-trakk? U x'ħin sabu s-suspettata droga, qalulu jekk jafx xi ħaġa?**
>
> **Qorti : Ma jistax iwieġeb x'qal u ma qalx l-akkużat għax dak huwa kif għedtlek fil-bidu, dak huwa dritt tal-akkużat li jibqa' sieket.**
>
> **Ġurat : Jiġifieri ma jistax jgħid**
>
> **Qorti : Ma jistax jgħidilna x'qal jew ma qalx l-akkużat.**
>
> **Xhud : Imma li nista' ngħidlek hu li l-akkużat kien viċin it-trakk għax kien obbligu tiegħi li nżommu viċin it-trakk. Alavolja hu oppona li ma jersaqx lejn it-trakk, jiena kien kompitu tiegħi li nżommu qed jara kontinwament x'qed jiġri.**

Sabiex b'hekk kellu jkun evidenti għal ġurati li x-xhieda ma kenux qed jagħtu informazzjoni dwar dak li stqarr l-appellant peress illi huwa kellu d-dritt għas-sielnzju u mhux għax kien hemm xi informazzjoni li kienet qed tiġi mistura minnhom.

**37.** Id-Difiża toġġezzjona ukoll għal dawk l-istanzi fejn l-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni xehdu dwar il-komportament tal-appellant matul l-istess

investigazzjoni, u tikkontendi illi din l-evidenza hija ukoll inkluża fl-Ordni tal-Qorti li ddikjarat inamissibbli kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula mill-appellant kemm iskritta kif ukoll verbali u jiddeskrivi din l-imġieba, jew ġesti tal-appellant bħala a *non-verbal declaration.* Jirreferi għad-deskrizzjonijiet li jagħtu l-uffiċjali investigattivi tar-reazzjoni tal-appellant meta il-pulizija kienu ser jipproċedu biex jagħmlu tftixxija fit-trukk fejn imbagħad instabet id-droga. PC1183 Oliver Borg igħid illi l-appellant ġibbdu lura u beda jipprova jallarga minn fuq il-post tant illi kellu jiġbdu miegħu lambranzetta biex ikun preżenti waqt it-tfittixija fit-trukk. PS1086 Johann Micallef igħid illi waqt it-tfittxijiet li saru fil-garaxx u fil-karozzi, l-appellant kien kalm, iżda beda jinġibed lura hekk kif kienu ser jipproċedu għat-tfittxija fit-trukk *Bedford*. Fuq l-istess vena jixhed PS1220 Chris Baldacchino li igħid li l-appellant f'dan il-mument "*qisu beda jihhesilja mal-1183, beda jinġibed lura.*" Joġġezzjona ukoll għal dik il-parti tax-xiehda tas-Supretendent Johann Fenech meta huwa beda jixhed illi l-appellant beda jidher aġitat kif kienet ser tibda it-tfittxija fit-trukk, f'liema mument kien imwaqqaf mill-Imħallef u mwissi biex ma jagħtix opinjonijiet.

**38.** Illi ngħad hekk fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-04 ta' Ottubru 2023:

> **24. Illi allura l-Qorti tqies illi f'dan l-istadju għalkemm għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa evidenti mhux biss illi l-appellat għamel dikjarazzjonijiet mall-investigaturi mal-arrest tiegħu meta dan ma kien għadu ingħata ebda forma ta' *caution*, iżda imbagħad meta jiġi interrogat u tingħatalu dik it-twissiija viġenti f'dak iż-żmien huwa jwieġeb għal uħud mill-mistoqsijiet li jsirulu u jinkrimina ruħu mingħajr ma jingħata ebda forma ta' difiża billi, kif ingħad, dak iż-żmien il-liġi kienet teskludi dan il-jedd b'mod sistematiku. Huwa indubitat għalhekk, u dan mingħajr ma din il-Qorti tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ, illi d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellat mal-arrest tiegħu flimkien mal-istqarrija jikkostitwixxu prova ferm determinanti f'dan il-proċess.**
>
> **…**
>
> **29. Illi allura għal motivi hawn fuq miġjuba jkun għaqli li f'dan l-istadju bikri tal-proċess ġudizzjarju, din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' ta'l-istqarrija rilaxxata mill-appellat, u kull dikjarazzjoni verbali tiegħu meta ma kellu jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali u meta seta' ma kienx imwissi skont il-liġi, jkunu imwarrba u ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.**

**39.** Illi ukoll fis-sentenza tal-Qorti Kriminali, kkonfermata minn din il-Qorti bis-sentenza surriferita ntqal hekk:

> **Fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, l-akkuzat Jesmond Mary Vella rrilaxxa stqarrija f'Gunju, 2008, fejn ma kienx assistit minn avukat tal-fiducja tieghu, la qabel u anqas wara l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Hu ma nghata l-ebda dritt li jfittex l-ghajnuna ta' avukat sabiex la jaghtih parir legali u lanqas biex jassistih matul l-interrogazzjoni, u dan billi dan id-dritt ma kienx moghti bil-ligi f'dak iz-zmien. Illli minn qari tal-istqarrija, jidher illi l-akkuzat, inghata twissija fis-sens li kellu dritt li ma jwegibx ghad-domandi izda jekk iwiegeb dak li jghid jista' jingieb bhala prova. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt illi jista' jkun hemm pregudizzju kontra l-akkuzat, specjalment meta min hu imsejjah sabiex jiggudika jara xi twegibiet minnu moghtija fl-istqarrija tieghu u meta hu ma kellu jedd ghall-ebda difiza. Ghalhekk, meta hadet in konsiderazzjoni dak kollu sucitat, din il-Qorti hi tal-fehma illi fir-rigward tal-istqarria tal-akkuzat u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza ghaliha ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u konsegwentament sfilzati mill-atti processwali.**
>
> **Ghalhekk, ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiedgha tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-akkuzat u wara li hadet in konsiderazzjoni ta' dak kollu sucitat, din il-Qorti hi tal-fehma illi fir-rigward tal-istqarrija u/jew dikjarazzjoni rilaxxata mill-akkuzat, kemm skritta u/jew verbali, u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza ghaliha ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u sussegwentament sfilzati mill-atti processwali.**

**40.** Illi allura huwa bil-wisq evidenti illi kemm din il-Qorti, kif ukoll il-Qorti Kriminali qabilha, kienu qed jagħmlu referenza għal dikjarazzjonijiet kollha verbali li għamel l-appellant matul l-investigazzjonijiet, kif ukoll l-istqarrija bil-miktub rilaxxata minnu, u għalhekk din l-Ordni tal-Qorti ma tirreferiex għal dak li l-uffiċjali tal-pulizija setgħu osservaw b'għajnejhom, billi fuq dawn il-fatti setgħu jixhdu u jagħtu deskrizzjoni ta' dak li kien qed jiġi minnhom osservat. Żgur li d-deskrizzjoni tal-komportament tal-appellant fil-mument li kien qed jiġi investigat ma kisirx il-jedd tiegħu għas-silenzju, bix-xhieda li ddeponew fl-ebda mument ma indikaw lill-ġurati xi diskors li l-appellant seta' qalilhom bil-fomm u li allura kiser dan il-jedd.

**41**. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet fuq kollox, jerġa' jiġi ribadit illi dak li trid tara din il-Qorti f'dan l-istadju, bis-setgħat mogħtija lilha bil-liġi, huwa jekk minn apprezzament tal-fatti u tal-provi kif esposti quddiem il-ġurati, bil-verdett tagħhom setatx seħħet xi amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.

**D. L-Għarbiel tal-Provi u n-ness bejn Jesmond Mary Vella u d-droga misjuba.**

**42.** L-appellant jikkontendi illi minn analiżi tal-provi ma nħoloq ebda ness bejnu u id-droga misjuba fit-trukk *Bedford.* Jikkritika lill-Prosekuzzjoni meta, kemm fir-Rekwiżitorja kif ukoll fir-Replika għad-Difiża, għamlet emfasi fuq il-fatt illi l-appellant kien sid ta' dgħajsa, fattur li fil-fehma tiegħu, ma kellha xejn x'taqsam mal-apprezzament tal-fatti konnessi mal-każ.

**43.** Illi huwa nkontestat illi lill-appellant il-Prosekuzzjoni kienet qed tattribwielu il-pussess kostruttiv tad-droga mertu ta' dan il-każ, u mhux wieħed materjali. Illi l-Qorti iktar kmieni f'din is-sentenza eżaminat l-elementi ta' dan il-pussess li irid ikun wieħed xjenti u fil-kontroll esklussiv tal-ġudikabbli. Issa fil-każ li kien ippreżentat quddiem il-ġuri, dan il-fatt kellu jiġi inferit mill-provi ċirkostanzjali u indiretti, u dan għaliex ma kien hemm ebda xiehda diretta li mplikat lill-appellant fl-involviment tiegħu fil-pussess ta' din id-droga. Illi huwa indubitat illi d-droga li instabet kienet f'kwantita konsiderevoli, dik tar-raża tal-cannabis f'piż totali ta'4827.3 grammi b'purita' ta' ċirka 8.2%, u li kellha il-valur ta' €30,943. Mill-provi li jemerġu mill-ġuri jirriżultaw is-segwenti fatti:

i. Lura fis-sena 2008 il-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga kienu qed isewgu l-passi tal-appellant fuq suspett li huwa kien qed jittraffika id-droga.
ii. Fid-19 ta' Ġunju 2008 huwa twaqqaf mill-pulizija gewwa Triq in-Naġġara, il-Mosta meta kien ser jirkeb fil-vettura tiegħu flimkien ma' persuna ta' nazzjonalita' Eġizjana ċertu Nabil Saleh.
iii. Minn hawn bdew it-tfittxijiet tal-pulizija fosthom f'garaxx li l-appellant kellu f'din it-triq.
iv. Ftit tal-ħin wara waslu ħdejn dan il-garaxx ukoll ċertu Paul Spiteri u Libjan bl-isem ta' Ahmud Abdal Farag li ukoll ġew arrestati mill-pulizija. Farag kien qed isewwi xi vettura tal-appellant fil-garaxx. Fil-waqt li Spiteri stqarr li kien fi triqtu sejjer iżur lil ħuh u waqaf għal ftit ikellem lill-appellant.
v. Saret tfittxija fil-garaxx li kellu maħżuna fih *speed boat* u xi vetturi, fosthom vettura tal-għamla Volvo li kienet tappartjeni lill-appellant.

vi. It-tfittxijiet li saru mill-pulizija fil-garaxx, fil-vetturi, fl-*ispeed boat* u fuq dawn il-erba' persuni irriżultaw fin-negattiv.

vii. Quddiem il-garaxx, iżda, fuq in-naħa l-oħra tat-triq kien hemm ipparkeġġjat trukk tal-għamla *Bedford* bin-numru ta' reġistrazzjoni DAO 036, li ma kienx imsakkar.

viii. Il-pulizija bdew jagħmlu tfittxija ukoll fuq dan it-trukk fejn fil-gabina sabu sett pjanċi ta' vettura tal-għamla Mazda bin-numru CAR 737, liema vettura kienet tgħajjat lill-appellant. Nstab ukoll *logbook* ta' vettura tal-għamla Fiat illi kienet tgħajjat lill-appellant ukoll, bin-numru KBG 934. Instabu ukoll permess tal-Kunsill Lokali tal-Isla fuq isem Paul Spiteri u kien hemm xi *quotation* ta' xogħol fuq lift. It-trukk ma kienx reġistrat fuq l-appellant iżda minn *log book* li instab irriżulta li dan kien reġistrat fuq ċertu John Xuereb.

ix. Imbagħad mit-tfittxija li saret fil-kaxxa tat-trukk, fejn din il-kaxxa kellha l-bieba ta' wara mtella', il-pulizija sabu barmil ta' lewn isfar tal-ħadid li kien mgħotti b'xi boroż tal-*plastic* kontenenti ħobż niexef. Kif wieħed mill-pulizija għolla din il-*plastic* sab illi kien hemm madwar għoxrin blokka suspettata droga raża tal-Cannabis moħbija f'dan il-barmil.

x. Ix-xhieda osservaw bidla fil-komportament tal-appellant meta bdiet it-tfittxija fit-trukk fejn osservawh qed jinġibed lura lejn id-direzzjoni tal-garaxx. B'mod ewlieni ix-xhud PC1183 Oliver Borg jirrakkonta li Vella tant beda jinġibed lura x'hin bdiet it-tfittxija fuq it-trukk li hu kellu iġiegħlu jersaq viċin sabiex issir it-tfittixija fil-presenza tiegħu, tant illi qabbdu labranzetta.

xi. Illi mix-xiehda ta' John Xuereb, sid it-trukk, jirriżulta illi kien l-appellant biss li kien juża dan it-trukk fiż-żmien meta seħħ il-każ.

**44**. Illi l-appellant jikkontendi illi minn dawn il-provi ma jistax ikun stabbilit ness, lil hinn minn kull dubbju dettat bir-raġuni ,bejnu u bejn it-trukk fejn instabet id-droga u dan għaliex mhux biss il-garaxx ma kienx jużah hu waħdu, iżda kienu jużawh ukoll Ġanni Xuereb u Paul Spiteri, imma ukoll għaliex jikkontendi illi t-trukk kien ilu ipparkeġġjat fit-triq bil-kaxxa mikxufa u bil-gabina miftuħa u għalhekk kien aċċessibbli għal terzi, tant illi fil-kaxxa kien hemm oġġetti ta' żibel mormija u t-trukk kien jidher fi stat mitluq u żdingat.

**45.** Issa l-Qorti eżaminat kemm ix-xiehda ta' Ġanni Xuereb, kif ukoll ta' Paul Spiteri. Ġanni Xuereb igħid hekk fix-xiehda tiegħu:

**Qorti :** **U għedtli li kontu taħdmu bih. Min kien jaħdem bih dan it-trakk?**

**Xhud :** **Jesmond kien jaħdem miegħi.**

**Qorti :** **Min kien jaħdem bit-trakk? Inti kont tużah?**

**Xhud :** **Jien ma kontx insuqu.**

**Qorti :** **Inti ma kontx issuqu. Mela Jesmond kien isuq it-trakk. U min iktar kien isuq it-trakk?**

**Xhud :** **Ħadd. Għax aħna t-tnejn konna nkunu u daqqa kien jiġu ieħor, tlieta, biss.**

**Qorti :** **Tnejn biss.**

**Pros :** **Tlieta min?**

**Xhud :** **Daqqa kien ikollna bżonn wieħed u konna nsibu wieħed jgħinna f'xi ħaġa.**

**Pros :** **Lil min kontu tqabbdu?**

**Xhud :** **Wieħed kien jismu Pawlu.**

**Pros :** **Mela ħa nibdew pass, pass, Sinjura. Dan it-trakk għalxiex kien jintuża?**

**Xhud :** **Biex inġibu l-affarijiet bih. Bricks u affarijiet hekk.**

**Qorti :** **Jiġifieri dan it-trakk kien jużah, kemm Jesmond u kif ukoll Pawlu.**

**Xhud :** **Le. Pawlu le.**

**Qorti :** **Għadek kif għedtli li kien jużah Pawlu wkoll.**

**Xhud :** **Pawlu qatt ma jsuqu.**

**Qorti :** **Pawlu ma jsuqux imma kien jagħmel użu minnu.**

**Xhud :** **Jiena ma kontx insuqu lanqas.**

**Qorti :** **Kienu isuqu biss Jesmond.**

**Pros :** **Għaliex ma kontx issuqu inti?**

**Xhud :** **Għax kont narah goff. Jiġifieri ma kontx tajjeb biex insuqu.**

**Pros :** **U Paul Spiteri. Kemm-il darba kellu x'jaqsam ma' dan it-trakk?**

**Xhud :** **Min?**

**Pros :** **Paul Spiteri. Semmejtilna lil Pawlu Spiteri.**

**Xhud :** **Le. Pawlu kien bniedem, nagħtu każ kellna bżonn inħottu skoss bricks u kien jiġi jgħinna. Daqshekk.**

Igħid li it-trukk kien jipparkjah faċċata tal-garaxx għax fil-garaxx kien jaħżen l-għodda li kien ikollu bżonn għall-bini, iżda peress li kien kbir wisq biex jidhol ġewwa il-garaxx

kien jipparkjah barra fit-triq. Ikompli jixhed li hu u l-appellant biss kellhom ċavetta għal-garaxx. Ikompli igħid ukoll illi t-trukk kellu ċavetta waħda biss li kienet tinżamm imdendla mal-ħajt fil-garaxx, jew inkella kien iżommha l-appellant. Jikkonferma ukoll illi dan il-garaxx kienu jużawh biss l-appellant u hu. Igħid ix-xhud ukoll illi peress illi t-trukk kien ikun ipparkjat barra fit-triq ġieli kien hemm xi panel beaters jew nies oħra li kienu jużaw il-garaxxijiet fil-viċinanzi li kienu jitfgħu iż-żibel fih.

**46**. Paul Spiteri, minn naħa tiegħu, jikkonferma li kien hemm okkażżjonijiet fejn għen lil John Xuereb, fix-xogħol tal-ġebel, iżda huwa ma għarafx it-trukk li ġie muri lilu f'ritratt. Jaf li l-appellant kien jaħdem fil-ġebel u ġieli ħadem miegħu u lura fl-2008 kien għamel xi xogħol ta' ġebel fuq lift ġewwa l-Isla miegħu. Igħid li fil-jum li ġie arrestat kien sejjer mix-xogħol għand ħuh u fit-triq waqaf ikellem lill-appellant. Jiċħad kwalunkwe involviment f'dan il-każ.

**47**. Illi jikkonsegwi għalhekk illi l-uniku persuna li kellu kontroll fuq it-trukk *Bedford* fejn kienet misjuba id-droga, fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat, kien biss l-appellant u Ġanni Xuereb li xehed f'dawn il-proċeduri u stqarr li ma kien hemm ebda persuna oħra li kellhom aċċess kemm għal garaxx fejn kienet tinżamm iċ-ċavetta tat-trukk, kif ukoll għat-trukk innifsu li kien isuqu l-appellant. Issa għalkemm jidher illi kien jintefa' xi skart fil-kaxxa tat-trukk li kienet miftuħa, madanakollu il-bieba ta' wara tat-trukk kienet tkun magħluqa u it-trukk kien għoli u ma setax jkun aċċessat faċilment minn terzi. *Di piu'* d-droga instabet moħbija ġewwa barmil tal-ħadid, li kien mgħotti b'borza tal-plastic li ġo fiha kien hemm xi ħobż niexef, u l-Qorti issibha diffiċli temmen kif persuna li ma kellhiex aċċess għal, u użu minn, dan it-trukk setgħet taqbeż għal ġewwa dan it-trukk b'barmil tal-ħadid isfar u taħbi d-droga f'post li ma kienx jappartjeni lilha, u li seta' jinsaq minn fuq il-post, kif donnu qed jallega l-appellant.

**48**. Abbinat ma' din ix-xiehda ta' Xuereb u Spiteri, li dan ta'l-aħħar lanqas biss kien kapaċi jagħraf it-trukk, hemm ukoll il-fatt illi ġewwa il-gabina tat-trukk instabu affarijiet li kienu jappartjenu lill-appellant, bħal pjanċi u *log books* ta' vetturi li skont ix-xiehda ta' Brian Farrugia, rappreżentant ta' Transport Malta, kienu jappartjenu lill-appellant u lil ħadd iktar. Dan ikompli isaħħaħ il-fatt illi kien l-appellant il-persuna li kien jagħmel użu minn dan it-trukk.

**49.** Illi l-appellant ma jixhidx u lanqas iressaq provi, kif *del resto* kellu kull dritt illi jagħmel. Dan ifisser illi quddiem il-ġurati kien hemm imressqa biss evidenza tal-fatt illi dak in-nhar meta kienet misjuba id-droga kien hemm l-appellant preżenti viċin it-trukk fejn instabet id-droga, liema trukk kellu aċċess għalih u kien jagħmel użu minnu prattikament hu biss, tant illi ġewwa fih kien hemm, kif ingħad, oġġetti li jappartjenu lilu. Id-droga kienet misjuba mhux mormija ġewwa l-kaxxa tat-trukk, iżda moħbija b'tali mod illi mhux faċli li wieħed jaraha u jinduna biha jekk mhux billi issir tfittxija appożita. Illi fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' Archbold jinghad hekk dwar 'il-presunzjonijiet ta' *fatt* :

> **'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i.e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'**

**50.** Illi m'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba. Mhux biss, iżda il-ġurati poġġew bosta mistoqsijiet lill-Imħallef li kienet qed tippresjedi il-ġuri sabiex jitolbuha direzzjoni. Issa, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża, u l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, il-ġurati waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skont l-Uniku Kap ta' l-Att ta' Akkuża.

**51.** Il-Qorti ma tarax illi dan l-apprezzament f'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji seta' kien żbaljat, jew inkella mhux ibbażat fuq il-provi miġjuba fl-atti, li għalkemm ma kenux skjaċċanti, madanakollu kienu jippuntaw kollha f'direzzjoni waħda, u ċioe' lejn

l-appellant bħala l-persuna li kellu il-pussess kostruttiv ta' dik id-droga li mill-kwantita' tagħha kienet evidenti li ma kenitx għall-użu personali tiegħu.

**52.** Għaldaqstant stante illi ma jidhirx illi seħħet xi amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja meta l-ġurija waslet għal verdett ta' ħtija, kwindi l-aggravji imressqa mill-appellant bl-ittri A u B qed jigu michuda.

**Ikkunsidrat:**

**53.** Illi l-aggravji rimanenti imressqa mill-appellant jikkonċernaw unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u l-mod kif hija waslet għal komputazzjoni tagħha meta kkundannat lill-appellant għall-piena ta' għaxar snin priġunerija u multa ta' €20,000. L-appellant jilmenta illi l-piena kienet waħda eċċessiva li ma ħaditx in konsiderazzjoni l-aspett riformattiv u kienet iktar minn dik suġġerita mill-Avukat Ġenerali ta' disa' snin priġunerija. Jilmenta ukoll illi l-Qorti Kriminali ma indikatx fid-deċiżjoni tagħha jekk id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kienx minnha applikat bi grad jew tnejn, għalkemm fil-konsiderazzjoni tagħha ikkonkludiet illi dan il-benefiċċju kellu jkun applikat favur l-appellant. *Di piu* ma hemmx indikazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi fil-parti deċiżorja, li għall-appellant ifisser illi dan id-dispost tal-liġi ma giex mill-Qorti applikat. Finalment jisħaq illi l-perijodu li hu għamel taħt arrest preventiv ġewwa il-ħabs fil-Libja qabel inġieb Malta għandu jitnaqqas mill-perijodu ta' inkarċerazzjoni impost fuqu.

**54**. Illi kien kostantement ritenut mill-qrati taghna illi:

> **"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena[5]."**

[5](Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".

**55.** Illi jibda biex jingħad illi il-piena mitluba fl-Att ta' Akkuża kienet dik ta' priġunerija għall-għomor flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija u disgħa u sittin euro (€116,468.67). Illi huwa evidenti illi l-Qorti Kriminali ma għaddietx biex teroga l-estremi ta' din il-piena, u minn applikazzjoni ta' piena determinata huwa evidenti illi qieset illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u fid-dawl tal-fatt illi l-verdett ma kienx wieħed unanimu, kienet tal-fehma illi kellha tapplika piena iktar favorevoli ,u ċioe' dik tal-priġunerija ta' bejn erba' snin u massimu ta' tletin sena, u dan fit-termini tal-proviso (bb) għall-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jikkonsegwi allura illi l-piena ta' għaxar snin priġunerija hija ferm 'il bogħod mill-massimu maħsub fil-liġi.

**56**. Jingħad ukoll illi mill-atti tal-kawża kien evidenti illi favur l-appellant kellhom japplikaw id-dispozizzjonijiet ta'l-artikolu 29 tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-Avukat Ġenerali jinsisti li din għandha tkun diminuzzjoni bi grad, filwaqt li id-Difiża tinsisti li din kellha tkun b'żewġ gradi għaliex l-appellant mhux biss assista lill-pulizija billi ipprovdielhom l-ismijiet ta' persuni li jittraffikaw id-droga iżda ukoll għenhom permezz ta' konsenja kontrollata, għalkemm il-Qorti ma tistax tifhem jekk din l-operazzjoni polizjeska kenitx marbuta mal-fattispeċje ta' dan il-każ o meno, billi provi fir-rigward fl-atti ma inġabux.

**57.** Illi l-Qorti Kriminali fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan il-benefiċċju mogħti lill-appellant qalet hekk:

> **Illi din il-qorti hija tal-fehma wara li ezaminat l-atti tal-kawza li iva ghandha tapplika l-provediment tal-artikolu 29 tal-kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Madanakollu ma indikatx jekk hux ser applika dan il-provvediment bi grad wieħed jew tnejn. Imbagħad kif sewwa jikkontendi l-appellant f'dan l-aggravju, lanqas ma indikat din id-dispożizzjoni tal-liġi fil-parti deċiżorja.

**58**. Illi l-Qorti tqis illi ġaldarba fl-atti ma hemm ebda prova li tindika xi dettalji dwar l-assistenza li ipprovda l-appellant lill-pulizija, f'liema investigazzjoni, u jekk

din wasslitx għall-arrest ta'l-ispaċċaturi li ipprovdew lill-appellant bid-droga, u dan kif hemm imfisser fid-diċitura ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, t-tnaqqis li kien intitolat għalih l-appellant ma kellux ikun iktar minn dak indikat mill-Prosekuzzjoni. Issa għalkemm il-Qorti Kriminali ma tindikax din id-disposizzjoni tal-liġi fil-parti deċiżorja, madanakollu mill-konsiderazzjonijiet hawn fuq iċċitati huwa evidenti illi meta ġiet biex tikkalibra l-piena applikat din ir-riduzzjoni ġaldarba stqarret fil-konsiderazzjonijiet tagħha illi l-appellant kien intitolat għal din il-riduzzjoni.

**59**. Illi dwar l-gravam marbut ma'l-addebitu tar-reċidiva l-Qorti diġa għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward iktar 'il fuq u allura mhijiex ser terġa' tinoltra ruħha fuq dan l-aggravju.

**60.** Illi imbagħad għalkemm l-appellant jikkontendi illi l-piena għandha iżżomm fil-mira tagħha ir-rijabilitazzjoni u ir-riforma tal-ħati u għalhekk ma għandiex tkun waħda retributtiva, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-appellant inqabad fil-pussess ta' aktar minn erba' kilogrammi raża tal-cannabis u allura, kif tajjeb stqarret l-Qorti Kriminali meta għamlet referenza għas-sentenza *Il-Pulizija v. Mark Mifsud* deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri nhar is-6 ta' Dicembru 2002:

> **Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali, tieghu; pero` meta si tratta ta' reat serju bhalma huma u l-pussess aggravat fi kwantita kbira kif kien f'dan il-kaz l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni.**

Il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u allura tqis illi d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Qorti Kriminali fil-kalibrazzjoni li għamlet tal-piena ma għandhiex tiġi skossa u dan għaliex din kienet waħda li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

**61.** Għaldaqstant il-Qorti tqis illi ġaldarba l-piena tinsab fil-parametri, u ġaldarba huwa evidenti illi l-appellant kellu jitqies li kien reċediv u kien hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kap.101, liema skont ma kellux jkun ta' iktar minn grad wieħed, kwindi l-piena għandha tibqa' mhux mittiefsa.

**62.** Finalment għalkemm l-appellant iqis illi iż-żmien li huwa għamel taħt dak li jikkontendi li kien arrest preventiv ġewwa il-Libja fuq dan il-każ għandu jitnaqqas mill-piena karċeraraja imposta fuqu, madankollu mill-provi li hemm fl-atti (u ċioe' ix-xiehda tal-Kurunell Alexander Dalli u d-Dokumenti ippreżentati mill-Avukat Ġenerali a fols 231 sa 238 tal-atti) ma huwiex ċar jekk fil-fatt dan l-arrest kienx marbut ma' dan il-każ, billi jidher illi l-appellant kellu xi każijiet oħra ġewwa il-Libja fejn kien inżamm arrestat, u allura ma jistax jkun stabbilit x'kien il-perijodu (jekk fil-fatt kien hemm xi perijodu) li kien marbut mal-każ odjern. Għaldaqstant anke dan l-aggravju marbut mal-piena qed jkun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma il-verdett tal-ġurija u s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**